MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tat-30 ta' Novembru, 2011

Appell Kriminali Numru. 223/2011

**Il-Pulizija**

**v.**

**Angelo Tanti**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Angelo Tanti talli f'dawn il-Gzejjer, fit-2 ta' Novembru 2009 ghall-habta tal-hdax ta' fil-ghaxija (11.00 p.m.) f'Xatt ta' San Gorg, San Giljan, u/jew fil-vicinanzi:

(1) attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b'hebb kontra P.C. 589 Etienne Grima u P.C. 1578 George Christopher-George Mamo, persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, filwaqt li kienu jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghti skond il-ligi mill-awtorita` kompetenti;

(2) ingurja, hedded jew ghamel offiza fuq il-persuni ta' P.C. 589 Etienne Grima u P.C. 1578 George Christopher-George Mamo, persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kienu qeghdin jaghmlu jew minhabba li kienu ghamlu dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzaghhom jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz;

(3) bil-hsieb li jaghmel delitt cioe` minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja fil-periklu car, ittanta jikkommetti ferita ta' natura gravi fuq il-persuna ta' P.C. 589 Etienne Grima u P.C. 1578 George Christopher-George Mamo u wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta` tieghu;

(4) saq vettura b'numru ta' Reg. FAA-159 ta' ghamla Toyota, b'manjiera (a) traskurata, (b) perikoluza u (c) bla kont;

(5) ghamel uzu minn vettura ghal finijiet ohra barra minn dawk li hi llicenzjata ghalihom il-vettura numru ta' Reg. FAA-159 tal-ghamla Toyota talli saq l-imsemmija vettura minghajr ma kellu tag ta' identifikazzjoni mahruga mill-Awtorita` ghat-Trasport ta' Malta;

(6) ghamel uzu minn licenzja ta' vettura bil-mutur partikolari ohra mahruga fuq vettura numru ta' Reg. DAB-874 tal-ghamla Ford u wzaha fuq il-vettura numru ta' Reg. FAA-159 tal-ghamla Toyota;

(7) saq vettura numru ta' Reg. FAA-159 tal-ghamla Toyota minghajr ma kienet licenzjata mill-Awtorita` ghat-Trasport ta' Malta biex tintuza fit-triq (licenzja mhux imgedda);

(8) fl-istess data, lok u cirkostanzi u kif ukoll nhar l-14 ta' Marzu 2010, ghall-habta tal-ghaxra ta' filghodu (10.00 a.m.) f'Misrah il-Parrocca, Rabat ma obdiex l-ordnijiet legittimi tal-Pulizija, persuni inkarigati minn servizz

pubbliku, jew ma halliex jew fixkilhom waqt li kienu qed jaghmlu d-dmirijiet taghhom, jew b'mod iehor, bla jedd, indahal fi dmirijiethom billi ma halliex lil haddiehor jaghmel dak li b'ligi jkun ordnat jew jista' jaghmel, jew billi gab fix-xejn jew hassar dak li haddiehor ikun ghamel skond il-ligi, jew b'xi mod;

(9) fl-14 ta' Marzu 2010, ghall-habta tal-ghaxra ta' filghoxu (10.00 a.m.) f'Misrah il-Parrocca, Rabat u granet ta' qabel u ta' wara ghamel uzu minn vettura numru ta' Reg. DAB-874 tal-ghamla Ford minghajr ma kienet licenzjata mill-Awtorita` ghat-Trasport ta' Malta biex tintuza fit-triq (licenzja mhux imgedda);

(10) saq vettura numru ta' Reg. DAB-874 tal-ghamla Ford meta ma kinitx koperta b'polza ta' assikurazzjoni dwar riskji ta' terzi persuni.

Il-Qorti giet mitluba li Angelo Tanti jigi skwalifikat milli jiehu jew ikollu ebda licenzja tas-sewqan ghall-perjodu li jidhrilha xieraq. Giet mitluba wkoll li titratta ma Angelo Tanti bhala recidiv;

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tad-9 ta' Mejju 2011 li permezz taghha dik il-Qorti, wara li rat l-artikoli 95, 96, 216 u 338(ee) tal-Kap. 9 u l-artikoli 15(1)(a) tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta' Malta u MVR Reg. 31, sabet lill-imsemmi Angelo Tanti hati ta' l-imputazzjonijiet kollha kif dedotti kontrih u kkundannatu sitt (6) xhur prigunerija ghall-imputazzjonijiet numri wiehed, tnejn, tlieta u tmienja kif dedotti kontrih filwaqt li kkundannatu multa ta' hamest elef euro ghall-imputazzjonijiet numri erbgha, hamsa, sitta, sebgha, disgha u ghaxra kif dedotti kontrih flimkien ma' skwalifika tal-licenzja tas-sewqan tieghu ghall-perjodu ta' sena dekorribbli minn nofs il-lejl tad-data tas-sentenza appellata;

**3.** Rat ir-rikors ta' appell ta' Angelo Tanti pprezentat fid-19 ta' Mejju 2011 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonferma l-parti fejn huwa gie misjub hati ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontrih,

thassarha fil-bqija u minflok tinfliggi piena aktar gusta ghall-kaz;

**4.** Rat l-atti kollha tal-kawza; rat il-fedina penali aggornata ta’ l-appellant esebita mill-prosekuzzjoni b’ordni ta’ din il-Qorti; semghet it-trattazzjoni; ikkunsidrat:

**5.** L-uniku aggravju ta’ l-appellant huwa dwar il-piena li jqis eccessiva. Skond l-appellant, huwa ma giex misjub hati bhala recidiv u ghalhekk il-piena ta’ prigunerija setghet u messha nghatat fil-forma sospiza. Jghid ukoll li anke l-piena pekunjarja kienet wahda eccessiva stante illi l-perjodu ta’ prigunerija seta’ nghata ghall-imputazzjonijiet kollha b’mod komplessiv.

**6.** Issa, mill-atti jirrizulta li l-appellant instab hati ta’ l-imputazzjonijiet kollha wara li rregistra ammissjoni fl-udjenza tad-29 ta’ Novembru 2010 u li giet ikkonfermata fl-udjenza sussegwenti tal-21 ta’ Frar 2011. Fis-sentenza appellata, pero`, l-ewwel Qorti rreferiet biss ghall-artikoli 95, 96, 216 u 338(ee) tal-Kap. 9 u l-artikolu 15(1)(a) tal-Kap. 65 u l-MVR reg. 31.

**7.** Din il-Qorti tosserva l-ewwelnett illi r-regolament 31 tar-Regolamenti dwar il-Vetturi bil-Mutur (Avviz Legali 128 tas-sena 1994) gie revokat permezz ta’ l-Avviz Legali 476 tas-sena 2004 u ghalhekk ma ghandu l-ebda rilevanza ghall-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellant. Kwantu ghall-artikoli l-ohra citati, dawn jirreferu: l-artikolu 95 tal-Kap. 9 ghat-tieni imputazzjoni, l-artikolu 96 tal-Kap. 9 ghall-ewwel imputazzjoni, l-artikolu 216 tal-Kap. 9 ghat-tielet imputazzjoni (b’dan li hawn kellu jigi citat ukoll l-artikolu 41(1)(a) tal-Kap. 9), l-artikolu 338(ee) tal-Kap. 9 ghat-tmien imputazzjoni, u l-artikolu 15(1)(a) tal-Kap. 65 ghar-raba’ imputazzjoni. Ghalhekk l-ewwel Qorti ma ghamlet referenza ghall-ebda artikolu jew regolament li jirrigwarda il-hames, is-sitt, is-seba’, id-disa’ u l-ghaxar imputazzjonijiet.

**8.** Issa, l-artikolu 382 tal-Kodici Kriminali jiddisponi hekk:

**“Il-qorti, meta taghti s-sentenza kontra l-imputat, ghandha tghid il-fatti li taghhom dan ikun gie misjub hati, taghti l-piena u ssemmi l-artikolu ta’ dan il-Kodici jew ta’ kull ligi ohra li tkun tikkontempla r-reat.”**

Kif diga` osservat, ghalkemm jidher illi l-ewwel Qorti kienet qed issib htija dwar l-imputazzjonijiet kollha, naqset milli tirreferi ghal diversi artikoli tal-ligi u regolamenti li jikkontemplaw ir-reati dedotti fil-hames, is-sitt, is-seba’, id-disa’ u l-ghaxar imputazzjonijiet. Dan jimpingi fuq il-validita` tas-sentenza appellata, u din il-kwistjoni tista’ titqajjem, kif qieghda titqajjem, minn din il-Qorti *ex officio*.

**9.** Kwantu ghar-recidiva, m’hemm l-ebda dubju illi r-recidiva mhijiex xi forma ta’ reat izda addebitu li permezz tieghu persuna tigi punita ghal fatt gdid b’mod aktar sever u differenti minn persuna li tkun qed tigi punita ghall-istess fatt izda ghall-ewwel darba u bla precedenti. Ghalhekk, ghalkemm huwa rakkomandabbli li jissemmew l-artikoli relattivi fis-sentenza sabiex ikun car li dawn ikunu ttiehdu in konsiderazzjoni, m’hemm l-ebda obbligu li jissemmew ghax mhumiex artikoli li jikkontemplaw reat. L-appellant jghid illi huwa ma nstabx hati li sar recidiv. Din il-Qorti ma taqbilx ghax l-ewwel Qorti, in vista ta’ l-ammissjoni ta’ l-appellant ta’ “l-akkuzi kollha kif dedotti kontrih” – u fosthom hemm dik li l-istess Qorti tirreferi ghaliha bhala “l-akkuza tar-recidiva” u li minnha ma lliberatux – iddikjarat li kienet qed issib lill-appellant hati “tal-akkuzi kollha kif dedotti kontrih”.

**10.** Fid-dawl ta’ dak premess, is-sentenza appellata tirrizulta difettuza minn wiehed mir-rekwiziti essenzjali kontemplati fl-artikolu 382 ghall-validita` ta’ sentenza. Dan ghalhekk irendi s-sentenza appellata nulla. Ghaldaqstant din il-Qorti sejra tiddikjara *ex officio* s-sentenza ta’ l-ewwel Qorti nulla u, sabiex ma tipprivax lill-partijiet, u specjalment lill-appellant, mill-beneficcju tad-doppju ezami, sejra tirrimetti l-atti lill-ewwel Qorti sabiex tiddeciedi l-kawza mill-gdid skond il-ligi.

**11.** Ghal dawn il-motivi tiddisponi mill-appell billi tirrevoka s-sentenza appellata, tqieghed lill-appellant fil-pozizzjoni li

kien immedjatament qabel ma giet pronunzjata l-istess sentenza appellata u tordna lir-Registratur sabiex minnufih jibghat l-atti lura lill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali sabiex dik il-Qorti tiddeciedi l-kaz mill-gdid skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------